# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 482/21TA**

**Charles Aquilina (KI 361469M)**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Charles Aquilina (l-Attur) tal-20 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi fil-12 ta' Lulju 2019 ir-rikorrenti kien wieqaf bil-vettura tieghu bin-numru ta' reġistrazzjoni TAXI 076M (CTY 076) fit-Triq l-Mdina Attard;

2. Illi dak il-ħin l-intimat Joseph Camilleri kien qiegħed isuq it-trakk ta' l-ghamla Bedford bin-numru ta' registrazzjoni JAI 248 u baqa diehel fuq wara tal-vettura tar-rikorrenti;

3. Illi kif ser jirriżulta ampjament fil-mori ta' dawn il-proċeduri, bħala konsegwenza ta' dan l-inċident ir-rikorrenti sofra ġrieħi gravi u debilita' permanti f'ġismu kif ukoll telf finanzjarju u danni materjali;

4. Illi għal dan l-inċident stradali huwa unikament responsabbli l-intimat billi kien propju minħabba t-traskuraġni, l-imprudenza, non kuranza u n-nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fis-sewqan tiegħu li seħħ dan l-inċident;

5. Illi l-intimat ġie interpellat sabiex jersaq u jaddivjeni għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti permezz ta' diversi ittri fosthom dik uffiċjali bin-numru 1415/2021 pero huwa baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant l-esponent, filwaqt li jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1) Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-12 ta' Lulju 2019 fit-Triq Imdina Attard u dan minħabba traskuragni, imprudenza, non kuranza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fis-sewqan tiegħu;

2) Tiddikjara li konsegwentement l-intimat Joseph Camilleri huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

3) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

4) Tordna li l-intimat iħallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti in linea ta' danni u dan fi żmien qasir u perentorju hekk kif mogħti minn din l-Onorabbli Qorti;

u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti, fis-savju u superjuri ġudizzju tagħha, jogħġobha timponi.

Bl-isejjeż, inkluz dawk tal-ittri uffiċjali datata 13 ta' April 2021 bin-numru ta' referenza 1415/2021 rispettivament, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-inċident kontra l-intimat li hu sa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Joseph Camilleri (il-konvenut) tal-24 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha premetta u wieġeb is-segwenti:

1. Illi, fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni talba rikorrenti, l-esponent jirrileva illi huwa qieghed jaccetta responsabbiltà ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit-12 ta' Lulju 2019, fi Triq l-Imdina, H'Attard. Di fatti, l-esponent irregistra *claim* mas-socjetà assikurattiva tieghu Elmo Insurance Limited u ddelega lill-istess sabiex titratta hi mat-terz dwar l-imsemmi incident.

2. Izda, dwar l-entità tad-danni pretizi mir-rikorrent, dawn huma kontestati. Ghaldaqstant, jispetta lir-rikorrent il-prova skont il-ligi tad-danni minnu pretizi.

3. In partikolari huwa kontestat fejn ir-rikorrent qieghed jallega li, konsegwenza tal-incident awtomobilistiku *de quo*, huwa garrab debilità permanenti u dan in vista tar-rapport mediku redatt mill-konsultent ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel fit-2 ta' April 2021 [hawn esebit u markat bhala **Dok. FZM**] fejn ikkonkluda li "*Mr. Charles Aquilina sufferent no permanent disability as a result of the accident of July 2019*".

Ghaldaqstant, ghal darb'ohra jispetta lir-rikorrent il-prova skont il-ligi li qieghed isofri minn debilita' permanenti u li tali debilità kienet konsegwenza diretta tal-istess incident.

4. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-esponent m'ghandux ibati spejjes gudizzjarji.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Fit-12 ta' Lulju 2019, l-Attur kien stazzjonarju bil-vettura tiegħu bin-numru tal-pjanċa TAXI 076M (CTY 076) fi triq l-Imdina Attard. Il-konvenut kien qiegħed isuq trakk tal-Għamla Bedford bin-numru tal-pjanċa JAI 248. Il-konvenut baqa' dieħel fuq il-vettura tal-Attur meta kien għadu stazzjonarju. Il-konvenut għalhekk wera traskuraġni u non-kuranza manifesta tant li r-responsabbilita' għall-inċident lanqas qed tkun kontestata. L-Attur sofra d-danni b'konsegwenza ta' dan l-inċident u għalhekk għamel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li l-azzjoni esperita hija dik naxxenti minn dik aquiliana.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni.

L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*. Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju li min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

F'dan ir-rigward l-ermeneutika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti"* (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "l-*kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha billi wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"* (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; *"prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara ukoll Kollez. **Vol. XLVIII. I. 258**).

Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm il-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza*

*avvedersene"*. Di piu' fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:- *"Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennunċja l-prinċipju in virtu ta` liema l-leżjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-leżjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` ċivili hi ravviżata fl-imġieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixxix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias* **[Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili].** Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta` ħsieb, bi traskuraġni, jew b`nuqqas ta` ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali".

Fl-aħħar nett fis-Sentenza tal-**Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** kien eluċidat is-segwenti:- " … *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja."*

Issa x-xorta ta' prudenza u osservanza tal-liġijiet kollha hija applikabbli għal kull min bi ħsieb jew mingħajr jikkawża d-danni, indipendentement minn fhiex ikun l-eżerċizzju tal-għemil jew eżerċizzju ta' xi sengħa. L-eżerċizzju tal-prudenza huwa partikolarment fis-sewqan ta' kull xorta ta' vetturi peress li dawn huma agħar minn arma li tista' toqtol jew tiddebilita'.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif aċċennat aktar 'l fuq, ir-responsabbilta' hija ammessa għalhekk il-provi kollha fil-kawża ġew limitati għall-kwistjoni tad-danni.

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-subinċiż 2 tal-imsemmi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-subinċiż 2 tal-imsemmi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-

riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

*Damnum emergens.*

It-telf attwali li sofra l-Attur jista' jiġi riassunt li jikkonsisti, f'infieq ta' mediċina u kura sakemm reġa' ġie fuq saqajħ, telf li għamel minn xogħol kemm dam wieqaf u d-diprezzament tal-vettura tiegħu.

Kwantu għall-ewwel aspett, l-ewwel infieq li kelllu kienet il-fiżjoterapija fl-ammont ta' €300 (ara a' fol 16). Ronald Attard, il-fiżjoterapista jgħid "*li kien ġie f'żewġ darbiet. L-ewwel darba għaxar darbiet u t-tieni darba għaxar darbiet*" (Ara a fol 185 u 187). Dan jaqbel ma' dak li jgħid l-Attur li mar għal fiżjoterapija fuq suġġeriment tat-tobba. Għalhekk dan l-ammont ser ikun ammess. Ser ikun ammess ukoll l-ammonta ta' €160 li nefaq għand it-tobba. (a' fol 17).

L-Attur jgħid li bħala xogħol tilef ċirca €150 kuljum għal madwar tmien xhur u l-karrozza ingħatatlu lura fit-18 ta' Ottubru 2020 (a' fol 61). Tajjeb li

jingħad li min krilu l-vettura jixhed li rritornaħa skond ir-riċevuta fit-18 ta' Ottubru 2020 (a' fol 126). L-inċident seħħ fit-12 ta' Lulju 2019. Il-Qorti ma tistax tivverifika jekk dak li qed jgħid l-Attur dwar id-dħul, għaliex meta tela' jixhed tat-Taxxa ma kien hemm ebda dikjarazzjonijiet ta' dħul (Ara a' fol 106 u 112). Skond Louis Buħaġiar ta' Jobs Plus, l-Attur huwa self-employed bħala taxi driver full time mit-13 ta' Awwissu 2019 (a' fol 183). Issa għas-snin 2020 u 2021 ma saru ebda dikjarazzjonijiet ai fini ta' taxxa u f'sena minnhom ir-return tiegħu ġiet riġettata mill-Kumissarju tat-Taxxa għaliex ma għamilx profit and loss account u baqa' qatt ma daħħal return għal din is-sena. L-attur baqa' jitqies bħala non filer anke fis-snin 2020 u 2021 meta fl-istess nifs qiegħed jitlob €150 kuljum telf. Il-Qorti ma tħarisx lejn attitudni bħal din b'mod favorevoli.

Dawn il-Qrati jgħallmu li "*Dawn ix-xorta ta' dikjarazzjonijiet jakkwistaw importanza li ma hiex biss ta' indole probatorja proċesswali, iżda wkoll tal-moralita' tad-dikjarazzjonijiet magħmula u jekk mhux ukoll sindakabbli minn kull Qorti stante li kwistjoni ta' ħlas ta' taxxi hija ta' ordni pubbliku. Wara kollox, f'kawżi għad-danni akwiljani, dawn il-Qrati jistrieħu fuq id-dokument tar-return tat-taxxa ta' dak li jkun.*" (Ara **Sentenza Apell Superjuri tat-12 ta' Lulju, 2023 fl-ismijiet Gerolamo sive Jimmy Bonavia f'isem ħuħ l-assenti bħala mandatarju speċjali ta' Paul sive Pawlu Bonavia -vs- Avukat tal-Istat u Anthony Zammit**).

Dan ifisser li din il-parti tad-damnum emergens mhux ser tintlaqa'. Kwantu għad-diprezzament tal-vettura b'konsegwenza tal-inċident, il-Qorti tibda

biex tosserva li qabel l-inċident kienet kważi għadha ġdida. Il-vettura nxtrat fil-11 ta' Frar 2019 (a' fol 21) fuq isem l-Attur. Pero' mal-Awtorita' Għat-Trasport hija reġistrata fuq Victor Abela minn Mejju tal-2019 (a' fol 180). Il-Konvenut jargumenta, li ġaladarba l-vettura fil-logbook kienet fuq isem persuna oħra, l-Attur ma hux intitolat għal xi xorta ta' kumpens f'dan ir-rigward (Ara a fol 180).

Mil-log book tassew jirriżulta li l-vettura kienet hekk reġistrata imma f'dan id-dokument hemm ukoll imniżżel hekk: "*Il-persuna li isimha jidher fuq dan iċ-ċertifikat mhux bil-fors huwa sid il-vettura, iżda hija l-persuna li għandha tiżgura li l-vettura hi reġistrata u liċenzjata kif jixraq".* (a' fol 370). Iżda tajjeb li jingħad, li minkejja li r-rappreżentant ta' Trasport Malta xehed li kienet fuq Victor Abela, fil-parti fejn hemm indikat is-sid reġistrat tal-vettura ma jidher isem ħadd. Għalhekk din il-Qorti tqies li l-aktar dokument affidabbli bħala prova tas-sid ta' vettura ma hux il-log book iżda l-kuntratt tal-akkwist li kif rilevat qiegħed fuq isem l-Attur.

Fil-fatt jingħad li huwa risaput li transfer ta' liċenzja ta' karozza mhux l-istess bħal transfer ta' titolu għal proprjeta'. (ara **Sentenza App A vs B u C et deċiża fil-11 ta' Marzu 1991**). It-transfer ta' karozza hu kompletat meta l-partijiet jiffirmaw l-iskrittura privata. It-trasferiment ta' proprjeta' ma tiddependiex mir-reġistrazzjoni ta' l-istess ma' l-awtoritajiet kompetenti. (ara **Sentenza App Aquilina vs Sammut tas-7 ta' Novembru 1994**).

Għalhekk, l-Attur qua sid tal-vettura huwa intitolat għall-kumpens tad-diprezzament tal-vettura. F'dan ir-rigward l-espert tal-Qorti Natalino Aġuis

jasal għall-konklużjoni li dan għandu jkun fl-ammont ta' 10% fil-Valur. Il-vettura inxtrat għal €19,000. L-ewwel irid jitnaqqas 10% minn €19,000, il-prezz ta' kemm inxtrat u wara jitnaqqsu 10% oħra meta jkun sar l-ewwel tnaqqis inkwistjoni. Dan ifisser €19,000 – 10% (diprezzament tal-użu) = €17,100 – 10% (diprezzament wara l-inċident = €1710. Dan l-aħħar ammont għandu jitqies bħala kumpens dovut għad-diprezzament.

L-attur jgħid ukoll li huwa intitolat għall-ħlas ta' kiri ta' vettura oħra sakemm ġiet ritornata lilu l-vettura tiegħu. Skond riċevuta ta' Catania Ltd ammonta il-kirja ta' Taxi €2800. Sean Mifsud tal-Unipol jikkonferma li l-Attur kera vettura b'€50 (a' fol 66). Il-Qorti tirrileva li skond l-Attur id-dokumenti uffiċjali tal-Jobs Plus tat-13 ta' Awwissu 2019 (a' fol 183) jindikaw ukoll id-dati rilevanti. Il-vettura tiegħu ġiet ritornata lill-Attur fit-18 ta' Ottubru 2020, id-data tar-riċevuta maħruġa. Dan ifisser li din il-Qorti ser tammetti dan l-ammont peress li dan huwa infieq u mhux qliegħ mankat.

Għalhekk b'kollox id-dannum emergens jammonta b'kollox għal €4970.

*Lucrum cessans*

L-awtur taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo."* (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwitattiv ta' *arbitrio boni viri*, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

Għal dak li jirrigwardja l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fis-sentenza fl-ismijet Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qliegħ li l-Attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ.

Il-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qliegħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv*" (Ara P**.A. PS 30.1.2008 fil-kawża fl-isimijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et**).

Hemm ukoll linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqs li kieku ma kien ġralu xejn (ara **P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani**). Huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "*telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali*" u "*telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem*". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain"* (Ara **Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**)

Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħoloq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-

danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Din il-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (**App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**). Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (**App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242**).

Ħaġa oħra hi, li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwa sew minn dakinhar tal-korriment (**Ara P.A. JSP 31.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata**)). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dakinhar tal-inċident kolpuż li f'dan il-każ kien fit-12 ta' Lulju 2019.

F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk

ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (**Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal. Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ma għandha xejn f'dokumenti uffiċjali kemm tassew kien il-qliegħ tal-Attur kif diġa' rilevat aktar 'l fuq. Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' **Butler -vs- Heard**.

Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar 'l fuq. Fil-qosor dawn huma l-prinċipji.

Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejjaħ multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni u ċioe' ta' 65. F'dan il-każ meta seħħ l-inċident l-Attur kellu 52 sena (ara ittra uffiċjali a' fol 5). Dan mhux prinċipju fiss fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirriżulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin li ma kienux jippermettulha li tgħix sa 65 bħal ma persuna li fil-mument tas-sinistru kienet qrib jew saħansitra żebqet il-65 sena u tkun għadha tista' tkompli b'ħajjitha b'mod normali. Dan ifisser li l-kalkolu f'din il-kawża ser isir fuq medda ta' 13 -il sena.

Huwa wkoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrappreżentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin. L-ermenawtika sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm -il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. Il-Qorti għandha wkoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis. Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli.

F'dan il-każ il-Qorti ser tqies li t-tnaqqis bħala *lump sum* għandu jkun fl-ammont ta' 20% stante li l-kawża ma ilhiex pendenti.

Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur sakemm ma jkunux aktar korretti minn dawk tal-espert tagħha. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan l-irwol f'materja tant teknika. Issa f'din il-Kawża skond rapport mediku ta' Mr. Carmel Sciberras imqabbad mill-Qorti huwa ta 3% diżabilta'

permamaneti (a'fol 54) mentri l-Perit ex parte Mr. Ray Gatt sab 7% diżabilita' anke fid-dawl tal-eskussjoni li saret lill-espert tal-Qorti, din il-Qorti ser tistrieħ fuq ir-rapport tat-tabib minnha maħtur. Allura diżabilita' permamaneti ta' 3%.

Il-kalkolu dejjem isir fuq l-entrojtu tad-danneġġjant. Dan ħafna drabi jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dak li jkun jew bi prova diretta ta' min ikun qiegħed jagħmel il-ħlas. Issa kif diġa rilevat kemm huwa l-entrojtu tal-Attur din il-Qorti ma tafx bi preċiżjoni ħlief li l-Attur xehed li kien tilef €150 ewro kuljum minħabba l-inċident għal tmien xhur. Pero' l-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-kelma tal-Attur b'mod li ma għandu xejn konkret biex ikun avvalat dak li qed jgħid. Anke lill-Kumissarju tat-Taxxa naqas li jibgħat *profit and loss accounts* u dan kif senjalat aktar 'l fuq. Għalhekk il-Qorti bħala kejl ta' entrojtu ser tieħu l-paga medja kif kienet meta seħħ l-inċident u ċioe' dik ta' €19,721 fis-sena (ara artikolu **Times of Malta tal-11 ta' Ġunju 2021. F'dan lartikolu ċitati ċifri tal-NAO**).

Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed inkonsiderazzjoni li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

Għalhekk id-danni ta' lucrum cessans huma is-segwenti: €19,721 (paga medja fl-2010) x 13 (aspettativa tal-ħajja) = €256,373 – 20% (lump sum payment) = €205,098 x 3% (disabilita' permanenti) = €6,153.

Fuq dan l-ammont iridu wkoll jingħataw imagħxijiet kif spjegat aktar 'l fuq. Ir-rata ta' inflazzjoni fl-2019 kienet 873.73. Għaldaqstant il-Qorti tħoss li għandu jkun hemm żieda ta' 4% fuq is-somma kollha tul il-medda taż-żmien bħala imgħaxijiet. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk għandu jiżdied l-ammont ta' €1,500.

Dan ifisser li d-danni kolllha f'daqqa jammontaw għal erbgħat elef disgħa mija u sebgħin ewro (€4,970) damnum emergens + sitt elef mija u tlieta u ħamsin ewro (€6,153) + elf u ħames mija imagħxijiet fuq is-somma kapitali (€1500). B'kollox tnax -il elf sitt mija u tlieta u għoxrin ewro (€12,623).

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tielet u r-raba' talbiet Attriċi** billi tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' tnax -il elf sitt mija u tlieta u għoxrin ewro (€12,623) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**